# IL-WIRJA *AN ISLAND AT THE CROSSROADS* TIMMARKA T-TLESTIJA TAL-EWWEL FAŻI TAR-RESTAWR TAL-MUŻEW MARITTIMU

**Stqarrija l 8 ta' Frar 2024**

Fil-Mużew Marittimu fil-Birgu ġiet inawgurata l-wirja *An Island at the Crossroads*, li timmarka t-tmiem tal-ewwel fażi tal-proġett ta' restawr li għaddej f'dan il-mużew, liema fażi kienet parzjalment finanzjata mill-EEA Norway Grants 2014-2021 bis-somma ta' madwar €2 miljun.

Il-wirja ddur mal-kunċett ta' gżira f'salib it-toroq, eżatt f'nofs il-baħar li għamel lil Malta u lil niesha dak li huma, għax għarfu jużawh bħala pont minflok ostaklu. L-artefatti esebiti f'din il-wirja huma marbuta ma' għoxrin tema, li permezz tagħhom jitwasslu l-għanijiet imwettqa bil-finanzjament Norveġiż kemm fir-rigward ta' xogħlijiet strutturali fil-mużew kif ukoll fis-sistemi diġitali li ġew introdotti.

Għall-inawgurazzjoni tal-wirja attendew id-Deputat Prim Ministru u l-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, Chris Fearne, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali, Owen Bonnici, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, Alison Zerafa Civelli, kif ukoll delegazzjoni uffiċjali responsabbli mill-EEA Norway Grants.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, radd ħajr lit-tim involut fir-restawr tal-Mużew Marittimu u fil-ħolqien tal-wirja temporanja, filwaqt li esprima sodisfazzjon li l-fondi mill-EEA Norway Grants servew ukoll biex jattiraw finanzjament nazzjonali li jiżgura t-tlestija tal-proġett b'suċċess. Meta jinfetaħ għall-pubbliku fit-totalità tiegħu, il-mużew se jkun ġawhra oħra fil-katina ta' suċċessi ta' Heritage Malta u se jiggarantixxi esperjenza li ddur mal-ħtiġijiet tal-viżitatur permezz ta' interpretazzjoni effettiva, l-aktar teknoloġija moderna, u t-twettiq tal-aħħar xejriet fil-qasam tal-mużeoloġija.

Is-Sur Zammit żied jgħid li hu kuntent ħafna bil-fatt li l-Uffiċċju tal-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-Fondi Norveġiżi rrikonoxxa l-isforzi komunikattivi eċċezzjonali ta' Heritage Malta fir-rigward ta' dan il-proġett, tant li ddeskriva l-promozzjoni tal-proġett mid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni tal-aġenzija bħala eżempju tal-aqwa prattika f'komunikazzjoni tal-ogħla kwalità.

It-tieni fażi tal-proġett – li tikkonsisti fl-immodernizzar u d-disinn tal-bqija tal-ispazji fil-mużew, fosthom l-esibizzjoni permanenti u l-interpretazzjoni – bħalissa waslet fil-qofol tagħha.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Fix-xhur li ġejjin se jittellgħu bosta attivititajiet marbuta mal-wirja *An Island at the Crossroads*, fosthom taħditiet minn eks ħaddiema tat-Tarzna, konferenzi, serati minn Taste History, ħarġiet għall-istudenti, u opportunità li tqatta' lejl fil-mużew innifsu.

Mid-9 ta' Frar, il-wirja se tkun miftuħa kuljum minbarra t-Tlieta, mid-9.00am sal-5.00pm matul Frar, u mill-10.00am sas-6.00pm bejn Marzu u Diċembru. Il-wirja tista' titgawda wkoll minn persuni li jużaw siġġu tar-roti.

Għal aktar tagħrif tista' żżur: https://maltamaritimemuseum.mt/

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta